A.L. 85 ta' l-1996

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1996 għall-Kors tad-*Diploma in Education (Administration and Management) - Dip. Ed.*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 għall-Kors tad-*Diploma in Education (Administration and Management) – Dip. Ed.*

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni;

"id-Diploma" tfisser id-*Diploma in Education (Administration and Management) – Dip. Ed.;*

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għad-Diploma.

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-korsijiet li jibdew fl-1995 jew wara.

Eligibbilità għad-Diploma

3. Biex kandidat ikun jista' jingħata d-Diploma, għandu jkun:

(a) ġie reġistrat bħala student regolari ta' l-Università;

(b) temm il-programm ta' l-istudju mfassal għalih kif preskritt f'dawn ir-regolamenti;

(ċ) jgħaddi mill-eżamijiet kollha preskritti; u

(d) issodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha mniżżlin f'dawn ir-regolamenti u fi statuti jew regolamenti oħra relativi ta' l-Università.

Reġistrazzjoni u rekwiżiti speċjali tal-Kors

4. (1) Biex ikun jista' jidħol fil-Kors, kandidat għandu jkollu waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) grad fl-edukazzjoni minn din l-Università jew Università oħra rikonoxxuta flimkien ma' ħames snin esperjenza *full-time* fit-tagħlim; jew

(b) grad flimkien mal-kwalifika tal-P.G.C.E. li t-tnejn ikunu minn din l-Università jew minn Università oħra rikonoxxuta, flimkien ma' ħames snin esperjenza *full-time* fit-tagħlim; jew

(ċ) ċertifikat fit-tagħlim minn Kulleġġ ta' l-Edukazzjoni rikonoxxut, flimkien ma' għaxar snin esperjenza *full-time* fit-tagħlim.

(2) Iżda l-Bord jista' jaċċetta kandidat li għandu kwalifiki li hu jikkonsidra bħala ekwivalenti għal waħda mill-kwalifiki msemmija fil-paragrafu (1).

(3) Il-Bord jista' wkoll jikkonsidra applikanti li għandhom posizzjoni amministrattiva f'istituzzjoni edukattiva, mhux anqas minn dik ta' Assistent Kap ta' Skola.

(4) L-applikanti jistgħu jiġu meħtieġa jattendu intervista biex tiġi valutata l-kapaċità tagħhom biex isegwu l-Kors skond ir-Regolamenti tad-Dħul ta' din l-Università.

Tul u programm ta' l-istudju

5. (1) Il-Kors għandu jinfirex fuq żmien ta' studju ta' sena *full-time* jew sentejn *part-time*. Il-kandidat għandu jlesti l-Kors f'mhux anqas minn sena studju *full-time* jew sentejn studju *part-time* u mhux aktar minn sentejn studju *full-time* jew tliet snin *part-time*, iżda f'ċirkostanzi speċjali s-Senat, fuq il-parir tal-Bord, jista' jagħti lill-kandidat sena oħra ta' studji biex jispiċċa l-Kors.

(2) Il-programm tal-Kors għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom għandhom jingħataw mhux inqas minn 30 kredtu f'dawn l-oqsma ta' studju:

(a) Perspettivi Teoretiċi għall-istudju tal-Amministrazzjoni Edukattiva;

(b) L-Ippjanar u l-Gestjoni ta' Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni;

(ċ) Kwistjonijiet Kurrenti fit-Teorija u Prattika ta' l-Edukazzjoni;

(d) *Essay* Twil/Proġett.

(3) Il-Bord għandu, fil-bidu ta' kull sena, jippubblika katalgu ta' taqsimiet studju u tal-kredti mogħtija lil kull waħda minnhom u li jindika liema taqsimiet studju huma obbligatorji.

(4) Għandu jkun hemm Koordinatur tal-Kors li għandu jkun responsabbli għat-tħejjija tas-sillabi u tal-listi tal-Kors kif ukoll għat-tħejjija jew provvista għad-disponibilità ta' materjal ta' għajnuna, bil-kooperazzjoni u l-approvazzjoni tal-Bord ta' l-Istudji.

Progress

6. (1) Matul il-Kors, il-kandidati għandhom jiġu vvalutati fit-taqsimiet studju skond il-kriterji stabbiliti mill-Bord.

(2) Kandidat għandu jkun meqjus li ssodisfa l-kriterji tal-valutazzjoni tal-Kors jekk hu:

(a) jirreġistra għat-taqsimiet studju kollha tal-programm tal-Kors u jikseb 20 kredtu għax-xogħol tal-Kors;

(b) itemm b'suċċess l-Eżamijiet Finali; u

(ċ) itemm b'suċċess l-*Essay* Twil jew il-Proġett (6 kredti).

(3) Dawn il-gradi għandhom jiġu mogħtija skond dan l-iggradar ta' kredti: A, B, C, D u F li jibdew bl-ogħla mertu u jaslu sa l-inqas fejn F tindika li kandidat ikun weħel.

(4) Kandidat li jeħel fil-valutazzjoni ta' xi kredtu għandu jitħalla jagħmel riparatorju. Jekk jgħaddi fir-riparatorju jingħatalu l-grad D.

Essay Twil/Proġett

7. (1) Il-kandidati għandhom ikunu meħtieġa li jissottomettu *Essay* Twil ta' madwar 8,000 kelma jew Proġett meqjus ta' livell akkademiku ekwivalenti mhux iktar tard minn xahar qabel l-Eżami Finali.

(2) Is-suġġett ta' l-*Essay* Twil jew Proġett għandu jiġi sottomess għall-approvazzjoni tal-Bord ta' l-Istudji tal-Kors mhux iktar tard minn sitt xhur qabel l-Eżami Finali.

(3) Kandidat li ma jissodisfax l-eżaminaturi fl-*Essay* Twil/Proġett għandu jitħalla jissottometih mill-ġdid darba fi żmien tnax-il xahar.

Eżami Finali

8. (1) L-Eżami Finali għandu jikkonsisti f'żewġ karti sinottiċi ta' l-eżami ta' tliet sigħat-il waħda.

(2) Il-kandidati li jeħlu f'waħda jew fiż-żewġ karti ta' l-eżami għandhom jitħallew jagħmlu riparatorju tal-karta jew karti li fihom ikunu weħlu darba fi żmien tnax-il xahar mit-tmiem tal-Kors. L-għola grad li jista' jingħata wara dan l-eżami riparatorju għandu jkun l-grad D.

Riżultati finali

9. (1) Ir-riżultati finali ta' kull kandidat għandu jieħu f'konsiderazzjoni ir-rendiment tiegħu fix-xogħol tal-Kors, fl-*Essay* Twil/Proġett u fl-Eżamijiet Finali.

(2) L-ismijiet tal-kandidati li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom jiġu ppubblikati f'ordni alfabetiku klassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.